**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 16 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 478/23 AL

A B

u

C sive C B

(M.R. Numru 624/2002)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors konġunt li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettew :

1. Illi l-esponenti A B u C sive C B D izzewwgu nhar l-ghoxrin (20) ta' Mejju, tas-sena elfejn u sitta (2006), gewwa l-Knisja Parrokkjali taHal Lija, certifikat taż-żwieġ esebit, anness u mmarkat Dok A';

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta'

kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Miriam Musumeci Macelli datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar, tas-sena elfejn u hdax (2011), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok B;

3. Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldet tifla, E nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u ghadha minorenni;

4. Illi l-manteniment pagabbli versu l-minuri hu regolat ai termini ta' klawzola numru 5 (ii) (f)(iv) tal-anness kuntratt taseparazzjoni u l-partijiet jiddikjaraw li ma jeziztu ebda arretrati jew pendenzi dovuta f'dan ir-rigward (vide Dok'B');

5. Illi ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjugi kif jinghad fi klawzola numru 5 (ii) (f) (vi) tal-anness kuntratt ta' separazzjoni (vide. Dok. 'B');

6. Illi l-partijiet ilhom separati tnax (12) il-sena u ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi kull waħda mill-partijiet tghix hajja totalment separata minn xulxin u ghalhekk il-kriterju rikjest skont l-Artiklu 66B (b) jirrizulta sodisfatt;

7. Illi l-konjugi inoltre ilhom separati de jure minn Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011) u ghalhekk il-kriterju rikjest skont l-Artikolu 66B (a) jirrizulta sodisfatt;

8. Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal- partijiet skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap16 tal-Ligijiet ta' Malta,

9. Illi l-partijiet qed jannettu l-affidavit taghhom, anness u mmarkat Dok. C u Dok D' rispettivament;

10. Ill l-Komparenti C sive C B D ser tghaddi biex titlob tkun awtorizzata tirreverti ghal kunjom xbubitha cioe D.

Talbu lil dina l-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieġ ta’ bejn il-partijiet.

2. Tawtorizza li C sive C B D tirreverti ghal kunjom xbubitha cioe' 'D'

3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta’ Settembru, 2023;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati  mill-24 ta’ Jannar 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti C sive C B D talbet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` “D”. Il-Qorti tilqa’ t-talba u tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-passi kollha f’dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-

Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.